MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 784/2012

**Glass Curtains Malta Limited (C46063)**

**vs.**

**Entertainments Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u sittin Ewro (€2,266.00), mingħand is-soċjeta′ konvenuta – rappreżentanti bilanċ dovut dwar merkanzija pprovduta u servizzi reżi u dan skond il-fatturi 2011/131 u 2011/134.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll

bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra illi s-soċjeta` konvenuta ma dehritx għas-seduta li nżammet quddiem it-Tribunal fil-25 ta' Frar 2013 u ghaldaqstant ġie ppreżentat Kapitolu mis-soċjeta` attriċi għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenuta.

Ra illi s-soċjeta` konvenuta dehret fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2013 sabiex tirrispondi l-Kapitolu, fejn ir-rappreżentant tal-istess soċjeta` konvenuta Mark Grima, debitament assitit, xehed bil-ġurament, in subizzjoni, u kkonferma illi s-socjeta′ konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u sittin Ewro (€2,266.00), rappreżentanti bilanċ dovut dwar merkanzija pprovduta u servizzi reżi u dan skond il-fatturi 2011/131 u 2011/134.

Ra illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-seduta odjerna.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u sittin Ewro (€2,266.00), bl-imgħax legali dekorribbli mid-19 t'Awwissu 2011 kif mitlub, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Lulju 2012, huma a kariku tas-soċjeta′ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------